# IL-PRESIDENT TA' MALTA

## FID-DAR "STELLA MARIS"

Fr Alfred, Mark u Ignatius

Fit-28 ta' April ta' kull sena fir-raħal taż-Żebbuġ, Għawdex jiġi ċelebrat "Jum Iż-Żebbuġ". Din is-sena f'din l-okkażjoni ġie mistieden il-President ta' Malta l-E.T. Dott Edward Fenech Adami.

Il-Komunita MSSP ġewwa Dar Stella Maris li qegħda fl-istess raħal, ħadet l-okkażjoni biex tistieden lill-President u lis-Sinjura tiegħu għal żjara privata. Min-naħa tiegħu l-President laqa' l-istedina u flimkien mas-Sinjura tiegħu żaru l-komunità tagħna l-Ħadd 27 t' April.

Mal-wasla tagħhom ġew milqugħa minn Fr Alfred Farrugia flimkien ma' Fr Mark Demanuele u Fr Ignatius Micallef. Il-President u s-sinjura tiegħu ħadu tassew interess u apprezzaw ix-xogħol siewi li sar f'dawn l-aħħar snin biex din id-dar tkun tista' tagħti servizz bħala dar tal-irtiri. Wara ġew mistiedna għall-ikel.

Fl-aħħar Fr. Alfred f'isem il-komunità irringrazzja lill-President u lis-Sinjura tiegħu talli aċċettaw l-istedina u ppreżentalhom tifkira ta' l-okkażjoni.



## Pellegrinaġġ għal Lourdes

Jekk qatt ma mort Lourdes, din is-sena hija okkażjoni sabiħa billi hija l-150 sena mill-ewwel dehra lil Santa Benardetta.

**Mill-21 sal 25 ta Lulju.**



## Pellegrinaġġ għal Ruma u San Padre Pio

Fl-okkażjoni tas-sena Pawlina u biex naraw il-gisem ta' San Padre Pio li hu espost għal venerazzjoni tul din is-sena biss.

**Mill-4 sat-8 ta Settembru**



**Ċempel lil FR. Norbert Bonavia fuq 2144 1917 jew 7926 5968**

**L-indirizz tiegħi issa hu: 'L-Oratorju' Triq San Ġiljan, B'Kara BKR 2806. Tel: 2144 1917 / 7926 5968**


MEJJU 2008 / GĦADD 426

EDITUR: FR NORBERT BONAVIA MSSP




# aħna lilkom

ĦOLQA BEJN IL-ĦBIEB


NEWSPAPER POST

SOĊJETÀ MISSJUNARJA TA' SAN PAWL: SANT'AGATA, RABAT, MALTA, TEL: 2145 4503 / STELLA MARIS, ŻEBBUĠ, GOZO, TEL: 2155 1159


# BRO. SALOMON CRUZADO LOPEZ MSSP

## ORDNAT DJAKNU FIL-PERÙ'

Fr Hector Attard MSSP

**Nhar il-Gimgħa 2 ta' Mejju għall-komunità ta' formazzjoni ta' Lima kien jum ta' ferħ għaliex Bro. Salomón irċieva l-ordni tad-djakonat ġewwa il-kappella Virgen del Buen Remedio zona ta´ Pando fil-belt ta Lima fil-Perù.**

Br Salomón, li huwa minn raħal qrib il-belt ta' Cajamarca li tiġi n-naħa ta' fuq tal-Perù, ilu li ngħaqad mas-Soċjetà mill-1996. Is-sena l-oħra huwa temm l-istudju tat-Teoloġija u b'hekk issa ircieva l-ministeru tad-djakonat biex ikun jistà jibda iservi fejn is-Socjetà Missjunarja ta' San Pawl qiegħda twettaq il-ħidma tagħha. Għal din l-okkażjoni ngħaqdu ma' Br Salomón, ommu u missieru u tliet ħutu subien li wieħed minnhom huwa saċerdot fid-djoċesi ta' Cajamarca. Iċ-Ċerimonja kienet immexxija mil-Isqof Awżiljarju ta' Lima, Mons Adriano Tomasi.

Br Salomón kellu esperjenza missjunarja fil-Filippini u propju ix-xahar l-ieħor intrabat mas-Soċjeta' għal dejjem bil-Professjoni Perpetwa. Għal ftit żmien Br Salomón ser ikun jaħdem fil-parroċċa ta' Pando flimkien ma' Fr Marċell Portelli u mbagħad għandu jingħaqad ukoll ma' sħabna li qed jaħdmu ġewwa l-belt ta' Arequipa.

B'ordni tad-djakonat Br Salomón ikun jistà jamministra s-sagrament tal-magħmudija jbierek ir-rabta taż-żwieġ, iqarben, kif ukoll jippriedka il-Kelma t'Alla. L-ordni tad-Djakonat igib lil min jeżerċitah aktar qrib tal-fqir u l-batut li għad irid jaqdi bħala saċerdot.

Nitolbu għal Bro. Salomón sabiex ikun qaddej fidil tal-Mulej bħala dajknu. Nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li permezz tat-talb u l-għotjiet tagħhom għenu biex Bro. Salomón jasal sa' din il-fażi tal-formazzjoni tiegħu l-aħħar tarġa qabel il-presbiterat.



# L-ESPERJENZA TIEGĦI FIL-PAKISTAN

***It-Tielet Artiklu***

**Fr Norbert Bonavia MSSP**

Għalkemm ir-reliġjon tal-poplu Pakistani hija Musulmana, imma huma maqsumin bejniethom. Barra dan issib ħafna setet differenti u ħafna kwalitajiet ta' Protestanti.

Il-Kattoliċi huma fil-minoranza, bejn wieħed u ieħor ilaħħqu mal-1.5% tal-popolazzjoni.

Barra il-Katedral li qiegħed fil-belt, f'irħula hemm fejn issib il-knisja parrokkjali imma f'oħrajn għandhom jew kappella żgħira jew bitħa ta' xi ħadd li sservi ta' kappella fejn issir il-quddiesa.

Id-dar tal-Fathers tagħna  tinsab f'Lahor fid-distrett ta' Yuhanibad. Madwar id-dar hemm storbju sħiħ ta' ħornijiet tal-karozzi u inġenji oħra. Barra dan tisma' l-għajjat tat-talb tal-Musulmani minn fuq il-loud speaker ġej mill-Moskeja.

Il-Moskej issibhom f'kull kantuniera, qishom il-knejjes iż-żgħar tagħna. Il-Protestanti tħajru wkoll, u bdew jgħajtu huma wkoll minn fuq il-loud speaker, allura tistgħu taħsbu xi storbju. F'dan l-ambjent joqogħdu l-Fathers tagħna.

Ftit ilu l-Isqof tal-post, tana area ġdida biex nieħdu ħsiebha aħna. Din inzertat l-aktar parti fqira ta' dawn in-naħiet. Għad iridu jibnulhom il-Knisja parrokkjali. F'din l-area nsibu tnax-il raħal żgħir imxerrdin 'l hawn u 'l hemm. F'erbgħa minnhom, il-Fathers tagħna, iqaddsulhom darba fil-ġimgħa is-Sibt jew il-Ħadd; fl-oħrajn iqaddsulhom matul il-ġimgħa. In-nies ifittxu lil qassis għal kull ħaġa.

Fil-Pakistan bħal f'postijiet oħra tal-missjoni, issib dak li jgħidulu l-katekista. Dan ikun raġel jew ġieli tnejn, li jgħin lill-Kappillan. Fil-preparazzjoni tan-nies għas-sagramenti, jgħallem id-duttrina  fejn ma  jlaħħqux is-sorijiet, imexxi l-kant waqt il-quddiesa eċċ.

In-nies kattoliċi jiġu għall-quddies f'numru mhux ħażin. Kollha jkunu libsin indaf u sbieħ b'dawk il-ħwejjeġ kollha kuluri. Appena, jaslu jneħħu ż-żarbun u jidħlu fil-knisja. Innutajt li l-ewwel ħaġa li jagħmlu wara li joqogħdu bilqiegħda fl-art, iroddu s-salib u jibdew jitolbu waħedhom b'rashom baxxuta. Wara jibdew ikantaw ma' l-oħrajn. Tista tgħid li ħadd ma jitkellem. Biss imsieken, għandhom problema kbira, id-dawl eletriku jinqata' spiss, allura jkollok tqaddes bid-dawl tax-xemgħa biss. Għandhom drawwa sabiħa, li waqt l-offertorju jtellgħu xi offerti, minn dak li jkollhom, bħal, pakkett gallettini, u xi ħelu ieħor. Imbgħad wara l-quddiesa jaqsmu kollox bejn kull min kien preżenti.

Għeżież benefatturi, jiena xtaqt naqsam magħkom xi ħaġa zgħira mir-realta' kbira li fiha jaħdmu l-Fathers tagħna f'dan il-pajjiż, biex hekk intom tistgħu tapprezzaw kemm hija apprezzata l-għajnuna tagħkom.



# L-ARĊISQOF PAWLU CREMONA O.P.

## F'SANT'AGATA

**Ms Mary Azzopardi**
Segretarja tal-KSMR

**Naħseb li kulħadd sema' bil-Kungress Nazzjonali tal-Ħajja Konsagrata li sar bejn is-7 u s-27 ta'  April ta' din is-sena.  Dan kien ir-raba' Kungress Nazzjonali tar-Reliġjużi f'Malta.**



Din id-darba ntgħażlet it-tema: "Ir-Reliġjużi: Profeti għan-nies tal-lum".

Il-kelliema għall-ewwel tliet laqgħat kienu Dun Eddie Mercieca SJ li tkellem fuq is-suġġett: "Profeti fid-Dinja tal-Lum"; l-E.T. Mons Ġorġ Frendo OP: "Profeti fil-Knisja tal-lum" u Sr Gemma Simmond CJ: Profeti fid-Dinja ta' Għada".  Dawn il-laqgħat saru fis-sala ta' l-iskola Ta' Santa Monica Fleur-de-Lys.

Għall-ewwel laqgħa kien preżenti l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li għamel  kelmtejn ta introduzzjoni. Għat-tieni laqgħa kienu preżenti kemm l-Isqof ta' Għawdex kif ukoll l-Arċisqof ta' Malta l- E.T. Mons. Pawlu Cremona OP.



Bħala għeluq saret Konċelebrazzjoni Ewkaristika mmexxija mill-Arċisqof ta' Malta flimkien ma' diversi reliġjużi. F'din l-okkażjoni l-Arċisqof tana messaġġ l-aktar sabiħ. Din il-Konċelebrazzjoni saret fl-Auditorium tal-Kulleġġ tagħna f'Sant'Agata.

# FID-"DAR TA' SAN ĠUŻEPP" ST. VENERA

**Fr Frankie Cini MSSP**

Fit-30 ta' April ta' din is-Sena, d-Dar ta' San Ġużepp ċċelebrat il-festa tal-Patrun tagħha, San Ġużepp. Din is-sena kellna x-xorti li jkollna magħna lill-Eċċ. Tiegħu Mons Pawlu Cremona l-Arcisqof  ta' Malta.

Kif wasal fid-Dar, l-Arċisqof żar il-flats tat-tfal. Kollha riedu juruh il-kamra tagħhom! Kien mument sabiħ fejn bil-karattru ferrieħi tiegħu, Mons Arċisqof kompla mat-tfal, ħa r-ritratti magħhom u inkoraġġiehom għall-futur.   Wara saret quddiesa kkonċelebrata fil-kappella tad-Dar, li għaliha attendew diversi membri tas-Soċjetà, fosthom ex-Diretturi u membri li ħadmu mat-tfal fil-passat. Il-quddiesa kienet ukoll ċelebrazzjoni tat-tliet komunitajiet li jużaw id-Dar: San Ġużepp, ic-CAM, u l-Komunità Formattiva f'Dar De Piro. Qabel il-quddiesa Fr. Louis Mallia, Superjur Reġjonali, għamel kelmtejn ta' merħba lill-Arcisqof. Fl-aħħar tal-Quddiesa, l-Arcisqof  ġie ppreżentat b' pittura magħmula mit-tfal stess, waqt li aħna ġeddidna l-impenn tagħna li nibqgħu noffru servizz lil tfal fil-bżonn b'mod professjonali u b'dedikazzjoni.

